FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDICATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 7 TA' DICEMBRU 2016

Il-Pulizija

vs

Joseph Grech
u, omissis.

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra Joseph Grech karta ta' identita' numru 156363m et akkuzati:

1. nhar it 23 ta' Novembru 2011, ghal habta tat-23.15 ta' filghaxija, minn gewwa s-sit ta' kostruzzjoni li tinsab fi Triq il-Vontin, kantuniera ma' triq l-Ewwel ta' Mejju, Fleur-de-Lys, Birkirkara, ikkommettew serq ta' fuel minn go vettura tat-tip Leyland, bin-numru tar-registrazzjoni FAU954, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u dan a detriment ta' Michael Scicluna u/iew persuna jew persuni ohra;
2. volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsarat ma tiskorriex €116.47 imma hija izjed minn €23.29;
3. saru recidivi ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

KONTRA JOSEPH GRECH WAHDU:

4. nhar it-23 ta' Novembru 2011, ghal habta tat-23.15 ta' filghaxija u fil-granet ta' qabel din id-data, gewwa Birkirkara, Hal-Qormi u bnadi ohra fil-Gzejjer Maltin, zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu xi arma tan-nar jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, minghajr ma kellu licenzja taht l-istess Att;
5. flistess data, hin, lok, cirkostanzi u perjodu ta' zmien, wra li akkwista jew gew f'idejh xi armi tan-nar jew munizzjon xort'ohra milli ghax-kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija, naqas li minnufih javza lill-Kummissarju tal-Pulizija;
6. nhar it-23 ta' Novembru 2011, ghal habta tat-12.15 ta' filghaxija, gewwa Fleur de-lys, Birkirkara, Hal-Qormi u f'diversi toroq ohra fil-Gzejjer Maltin, saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBR051 tat-tip Fiat Marea minghajr licenza tas-sewqan meta din kienet skwalifikata ghal sena b'sentenza mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datata l-20 ta' Jannar 2011 u b'hekk minghajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni;
7. aktar talli nhar it-23 ta' Novembru 2011 ghal habta tat-23.15 ta' filghaxija, f'diversi toroq gewwa Hal-Qormi, saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBR051 tat-tip Fiat Marea b'mod perikoluz, traskurat u negligent;
8. aktar kiser il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata l-4 ta' Dicembru 2008;

Rat in-nota tal-Avukat Generali biex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;
Semghet ix-xhieda;
R at l-atti u d-dokumenti;

Rat l-ahhar verbal taghha li fih il-kawza giet differita ghal-lum “in difett ta’ ostakolo”

Ikkonsidrat:

L-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat jipotizzaw is-serq, il-hsara volontarja, l-pussess ta’ arma u n-nuqqas li jinghata av viz taghha lill-Kummissarju tal-Pulizija, is-sewqan perikoluz, traskurat u negligenti, il-ksur tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 u r-recidiva.

Trattat is-serq u l-konsegwenti hsara volontarja, verbal fl-atti tal-kawza a folio 3, jistabilixxi li l-valur tieghu ma jissuiperax l-€233 u l-hsara hi ta’ €125. Mill-bqija s-serq huwa pjenament pruvat kontra l-imputat anka jekk talvolta ma kienx hu fisikament li ghamel l-‘amortio’ tar-refurtiva konsistenti fi’ fuel’ minn ingenn li kien f’sit ta’ kostruzzjoni. Dan is-serq u l-konsekwenti hsara sar bi hsara tal-proprjetarju tal-ingenn ‘de quo’ li biex gie attwat il-malvivent, li fil-kaz de quo kien il gja ko-imputat, kif jirrisulta mill-istqarrija ta’ dan li tikkostitwixxi prova kontra tieghu u tirrisulta, l-imsemmija stqarrija, ammissibbli kontra minn ghamilha ghal dak li jintqal fiha sakemm mehuda skond il-ligi. Fil-kontest tal-akkuzi sa hawnhekk trattati, jaghmel test dak li l-imputat stqarr mal-Ispettur Tony Cachia (folio 47) li mhux biss kien wassal lil gja ko-imputat fuq is-sit izda anka ghenu jghabbi l-laned fil-vettura tieghu malgrad li seta’ jobsor li d-diesel in kwistjoni kien misruq. Mill-bqija x-xhieda tal-kuntestabbli 869 (folio 49) u 265 (foluio 51) ikomplu ssahhu l-akkuza tas-serq fil-konfront tal-imputat.

Hekk ukoll, ix-xhieda ta’ dawn ta’ l-ahhar tipprova l-akkuza dwar il-pussess tal-arma tan-nar li inkixfet fit-tficcja minnhom effettwata gewwa l-vettura tal-imputat u mix-xhieda taghhom tirrizulta wkoll bil-wisq sodisfacjentement l-akkuza li titratta is-sewqan perikoluz, traskurat u negligenti fil-waqt li l-imputat flimkien mal-ko-akkuzat ittentaw li jaharbu mill-pulizija. Fil-kuntest ta’ din l-akkuza kien l-imputat li kien qieghed isuq. Jirrisulta wkoll li l-vettura in meritu kienet registrata fuq ismu.

Il-provi juru inkontestabilment ukoll r-reita’ tal-imputat ghal dik li hija r-recidiva, u wkoll il-ksur minnhu tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 impost fuqu b’sentenza ta’ din il-Qorti diversament kostitwita fl-4 ta’ Dicembru 2008 (folio 123) u li saq vettura minghajr licenzja u kwindi minghajr ma kienet koperta b’polza ta’ assikurazzjoni u dana stante li b’sentenza wkoll ta’ din il-Qorti diversament kostitwita tal-20 ta’ Jannar 2011 (folio 121) kien gie skwalifikat mill-licenzji kollha tas-sewqan ghal sena mid-data tas-sentenza.

Rat l-Artikolu 261(b)(f)(g), 264,269,270,278,281, 49,50,289 u 17 tal-Kapitolu 9, Artikolu 15 tal-Kap 65, Artikolu 4 tal-Kap 104, Artikolu 3 u 55 tal-Artikolu 480, Artikolu 7 u 24 tal-Artikolu 446, tikkundannah, wara li rat mill-fedina penali tieghu u s-sentenza li poggietu taht ordni ta’ probation (dik indikata aktar ‘il fuq) tikkundannah komplessivament ghal sentejn prigunerija oltre li tordna l-konfiska tal-vettura CBR051.

A.M.Trigona
Magistrat